# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/16, it-Tnejn 10 ta’ Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa’ għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 16 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 10 ta’ Awwissu 2020 fil-5 ta’ filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret ‘live’ permezz tas-sistema tal-‘online streaming’, kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-‘Video On Demand’.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B’ APOLOĠIJA**

Wistin Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

Clayton Gauci - Kunsillier

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Ħadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:17pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*16.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*16.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*16.4 Korrispondenza;*

*16.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*16.7 Proposti ta' attivitiajiet marbutin mal-Festa 2020;*

*16.8 Ismijiet ġodda u ismijiet alternativi ta' toroq fl-Imġarr;*

*16.9 Stimi għall-proġetti kapitali;*

*16.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

## 16.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

16.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva notifika waħda, mingħand il-Viċi Sindku Wistin Vella li ma setgħax jattendi għall-din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija u qabel li Wistin Vella jitniżżel bħala 'assenti b' apoloġija' għal din il-laqgħa.

## 16.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

16.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku informa li kien irċieva rispons tajjeb ħafna għas-serata tal-premjazzjonijiet għal-kitbiet ta' Festa Frawli, li saret ftit qabel. Tiziana Borg Busuttil ipproponiet li mil-edizzjoni tas-sena d-dieħla jibdew jiġu ppublikati il-punti li tingħata kull kitba ħalli il-parteċipanti jaraw fejn marru tajjeb u fejn jistgħu imorru aħjar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ser idaħħalha fis-seħħ mill-edizzjoni li jmiss.

16.3.2 Is-Sindku ta il-kondoljanzi tiegħu lill-familjari tas-Sa. Tereża Camilleri li taha kien sar il-funeral dak in-nhar tal-laqgħa. Is-Sindku spjega li bħalma isir f' dawn il-każijiet, il-bandiera li ntużat waqt il-funeral tingħata lill-familjari tal-persuna li ġiet nieqsa.

16.3.3 Is-Sindku ta' rendikont tal-proġett tal-mixtla f' Tal-Facciol. Dan il-proġett kien miexi b' ritmu tajjeb u ġie avviċinat il-kuntrattur tas-serrer biex jibda jagħmel l-arranġamenti neċċessarji.

16.3.4 Is-Sindku semma li kien sar intervent b' urġenza fuq is-saqaf tal-lattrini ta' Wesgħet il-Ġublew. Dan ix-xogħol sar u tlesta.

16.3.5 Ġiet diskussa il-kompetizzjoni ta' tpinġija u crafts u ġie deċiż li jingħata voucher ta' 20Euro lir-rebbieħ/a.

16.3.6 Is-Sindku informa li kien ġew ikkummissjonati diversi Risk Assessment Reports li issa ġew konklużi. Dawn jinkludu il-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew u l-ground ta' magħhom, il-bandli ta' Ġnien Skorba, il-bandli ta' Ġnien l-Alwiża, l-Outdoor Gym tal-Housing Estate, il-Librerija Pubblika ġewwa l-iskola primarja u iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani fit-tielet sular tal-uffiċċju tal-Kunsill.

16.3.7 Ġiet diskussa wkoll l-iskema tal-Libreriji fejn ġie maqbul li jinxtraw kotba b' lingwi barranin, fuq is-suġġeriment tal-librara infisha. Ser jinxtraw ukoll apparat elettroniku fosthom monitors u tablets li jieħdu l-Augmented Reality. Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil qed tikkoordina.

16.3.8 Is-Sindku semma li kien saru 3 stands li jidispensaw is-sanitizer mingħajr ma' wieħed ikollu bżonn imisshom, biex nassiguraw aktar iġene speċjalment minħabba it-tixrid tal-Covid-19. Dawn ser jitpoġġew waħda ma' kull entratura tal-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill u oħra ser tintuża fid-daħla tal-librerija pubblika.

16.3.9 Is-Sindku semma li kien sar xogħol b' urġenza fuq l-iswitchboard u l-kaxxa tad-distribuzzjoni tal-elettriku fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill. Dan peress li l-istwichboard kienet mgħobbija aktar milli tiflaħ u kellha bżonn teknoloġija aktar avvanzata biex tilħaq id-domanda dejjem tikber.

16.3.10 Is-Sindku semma wkoll li kien hemm bżonn ta' intervent simili ukoll fuq in-networks tal-file-server tal-uffiċċju peress li ċerti partijiet minnu kellhom sistemi li kienu qed ifallu b' riskju li tintilef data importanti tal-Kunsill.

## 16.4 Korrispondenza

16.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

16.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien bgħat korrispondenza lic-CEO tal-Enemalta dwar il-qtugħ ripetut fi-provvista tal-elettriku f' partijiet tal-lokalita'. L-Enemalta ħadet ħsieb li ssolvi dawn il-problemi fl-iqsar żmien possibbli.

16.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien reġa bgħat korrispondenza oħra biex jitlob statement mingħand l-Aġenzji tal-Pagamenti ARPA dwar il-proġett tal-Miżura 4.3. Din it-talba saret minħabba li l-Kunsill ippreżenta l-aħħar talba għal-fondi f' Novembru 2019 u sal-lum għadu ma irċieva xejn lura dwar dan. L-ewwel talba għall-istatement saret f' Mejju ta' din is-sena, imma il-Kunsill għadu mingħajr ħjiel ta' risposta jew acknowledgement.

16.4.4 Tressqet il-korrispondenza mingħand Wasteserv fuq il-proċeduri ġodda tal-ġbir tal-ħġieġ. Dan m' għandux jibqa' jinħareġ f' boroż jew kaxxi tal-kartun, imma fil-kontenituri apposta mqassma mill-Wasteserv stess jew simili. Dawn il-proċeduri ser jidħlu fis-seħħ minn Settembru.

16.4.5 Tressqet ukoll il-korrispondenza mingħand il-Water Services Corporation fejn fiha il-Kunsill ġie mgħarraf li il-proposta tiegħu għall-devjazzjoni alternattiva f' Fomm ir-Riħ waqt il-proġett tan-New Water ma ġiex aċċettata.

## 16.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

16.5.1 Is-Sindku ressaq il-proposta li il-kuntratt (skadut) tat-tindif ta' lattrini ta' Wesgħat il-Ġublew jiġi tterminat wara diversi rapporti li ma kiex qed isir servizz kif mixtieq. Is-sindku pprono wkoll li jitqabbad xi ħaġa mil-lokal li jista jassigura li jiftaħ, jagħlaq u jnaddaf skont l-esiġenzi biex il-pubbliku jingħata servizz aħjar. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.5.2 Odette Muscat staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposta dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema LCCare. Is-Segretarju Eżekutiv informa li il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta dwar din l-applikazzjoni.

## 16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 8/2020 li kienet tammonta għal €36,702.25.

16.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill.

## 16.7 Proposti ta' attivitajiet marbutib mal-Festa 2020

16.7.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li kienet saret laqgħa oħra mas-Supretendent Galea tal-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta dwar l-attivitajiet tal-Festa, fid-dawl tal-aħħar restrizzjonijiet li kienu ħarġu mill-awtoritajiet konċernati minħabba it-tixrid tal-Covid-19.

16.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv bgħat korrispondenza lis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika dwar il-linji gwida li nħarġu u li taħthom jaqgħu dawn l-attivitajiet li kienu qed jiġu ppjanati. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waħda mill-miżuri li rċieva kien li jsir Self-Risk-Assessment, fejn wara li sar, kien juri li l-attivitajiet maħsuba kienu jaqgħu fil-kategorija 'Extremely High Risk'.

16.7.2 Il-Kunsill qabel unanimament li fid-dawl ta' dawn, l-attivitajiet li kienu qed jiġu ppjanati li jsir il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd marbutin mal-festa jitħassru kollu, bil-permessi maħruġa diġa' jiġu irtirati u mħallsin lura.

## 16.8 Ismijiet ġodda u ismijiet alternattivi ta' toroq fl-Imġarr

16.8.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħa riċenti li kellu ma' uffiċċjali tal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq. Dan kien jinvolvi dawn it-toroq u akwati :

Triq l-Aruna sabiex tispiċċa u ssir Triq l-Amarozz ukoll;

Triq bejn Triq il-Plejju Triq l-Amarozz – irid jinsab isem;

Lejn tal-Ħaddedin – Triq Għajn Qattus tingħata l-isem b' mod uffiċċjali;

Sqaq fi' Triq San Pawl – jinstablu isem;

Triq li għad trid tinfetaħ bejn Triq Sir Harry Luke u Triq Ġorġ Zammit – jinstabilha isem.

16.8.2 Il-Kunsill li għandha ssir laqgħa informali fejn fiha għandhom jiġu proposti dawn l-ismijiet qabel mal-Kunsill jieħu deċiżjoni uffiċċjali dwarhom u jinforma lill-Kumitat Ismijiet tat-Toroq.

## 16.9 Stimi tal-Proġetti Kapitali

16.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva l-istim tal-perit għall-proġetti kapitali li kienu ġew diskussi aktar qabel f' laqgħa oħra. Dawn huma l-istimi hekk kif sottomessi mid-DTR Ltd :

- Community Container Space Triq l-Amarozz : ma kienx hemm stima għalissa. Il-Periti qed jiddiskutu mal-PA dwar dan il-proġett;
- Store u Ġnien – Alwiża : €210,000;
- Taraġ bejn Triq il-Karamelli u Triq il-Plejju : €400,000;
- Passaġġ pedonali u upgrading tal-area tal-Curt-Ruts, Triq is-Sebbieħ : €180,000.

16.9.2 Ġie deċis ukoll li l-fondi f' isem il-Kunsill tad-Development Funds tal-Awtorita' tal-Ippjanar jiġu diretti għal dan l-aħħar proġett tal-Curt Ruts peress li hu l-aktar wieħed aċċessibbli u l-inqas wieħed li hu ikkumplikat u li jiswa' flus biex jiġi attwat.

## 16.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

16.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020, fil-5:30pm.

16.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:35pm.

| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |